

32006R1786

L 337/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

5.12.2006

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1786/2006****ta' l-4 ta' Diċembru 2006**

**li jemenda l-Annessi III B, IV, u VI tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 fir-rigward tal-kwoti tessili għall-2007**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn għadd ta' pajjiżi terzi mhux koperti minn ftehim bilaterali, Protokoll jew arranġamenti oħra, jew minn regoli ta' l-importazzjoni speċifiċi tal-Komunità<sup>(1)</sup> u b'mod par-tikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 jistabbilixxi l-limiti kwantitattivi annwali għal ċerti prodotti tessili li jorġinaw mill-Montenegro, il-Kosovo<sup>(2)</sup> u l-Korea ta' Fuq.

(2) Mill-1 ta' Jannar 2007, l-Unjoni Ewropea se tħinkludi żewġ Stati Membri ġodda, ir-Rumanija u l-Bulgarja. L-Artikolu 6(7) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni jistipula li r-restrizzjonijiet kwantitattivi applikati mill-Komunità fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tessili u tal-ħwejjeġ għandhom jiġu aġġustati biex iqis u l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda tal-Komunità. Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi applikabbi għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tessili minn pajjiżi terzi fil-Komunità wara t-tkabbir għandhom għaldaqstant jiġi aġġustati sabiex ikopru l-importazzjonijiet fiż-żewġ Stati Membri ġodda. Dan jeħtieġ li ċerti Annessi tar-Regolament (KE) Nru 517/94 jiġu emendati.

(3) Sabiex it-tkabbir tal-Komunità ma jithallieq ikollu effetti ristrettivi fuq il-kummerċ, huwa xieraq li, meta jiġi emendati l-kwantitatjiet tintuża metodoloġija li tqis, għall-finijiet ta' aġġustament tal-livelli ta' kwota l-ġodda, l-importazzjonijiet tradizzjonali fl-Istati Membri l-ġodda. Formula magħmula mill-medja ta' l-importazzjonijiet ta'

l-aħħar tliet snin fiż-żewġ Stati Membri l-ġodda li jorġinaw minn pajjiżi terzi tipprovd kejl adegwat ta' dawn il-flussi storiċi. Minħabba l-fatt li l-Montenegro sar indipendenti fit-3 ta' Ġunju 2006, il-Kummissjoni m'għandha l-ebda ċifri separati tal-fluss kummerċjali bejn il-Montenegro u l-Kosovo minn naħħa u l-Istati Membri l-ġodda min-naħħa l-oħra. Għalhekk, il-livelli tal-kwoti l-ġodda ġew stabbiliti bl-użu ta' l-iż-żejjed kriterji xierqa biex dan isir, jīgħifheri l-proporzjon tal-popolazzjoni taż-żewġ Stati Membri l-ġodda. Ġiet miżjud rata ta' tkabbir fiż-żewġ każijiet.

(4) L-Annessi III B, IV u VI tar-Regolament (KE) Nru 517/94 għandhom għalhekk jiġi emendati sabiex jelenkaw il-livelli tal-kwoti applikabbi għas-sena 2007. Ir-regoli dettaljati li jiggvernaw l-allokazzjoni tal-kwoti ta' l-2007 huma dawk li jinsabu fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1785/2006<sup>(3)</sup> dwar il-ġestjoni tal-kwoti tessili stabbiliti skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 għas-sena 2007.

(5) Id-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolament (KE) Nru 517/94 għandhom jaapplikaw għall-importazzjonijiet fl-Istati Membri l-ġodda. Ir-Regolament (KE) Nru 517/94 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Tessili stabbilit mill-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 517/94,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-Annessi III B, IV u VI tar-Regolament (KE) Nru 517/94 qegħdin jinbidlu kif muri fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

<sup>(1)</sup> ĠU L 67, 10.3.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 931/2005 (ĠU L 162, 23.6.2005, p. 37).

<sup>(2)</sup> Kif definit bir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

<sup>(3)</sup> Ara l-paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Ufficijali.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*  
Peter MANDELSON  
*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNESS

L-Annessi III B, IV u VI tar-Regolament (KE) Nru 517/94 qegħdin jiġu emendati kif ġej:

1. L-Anness III B qiegħed jinbidel b'li ġej:

"ANNESS III B

**Il-limiti kwantitattivi Komunitarji annwali msemmija fir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 2(1)**

**Ir-Repubblika tal-Montenegro, il-Kosovo (¹)**

Kategorija	Unità	Kwantità
1	tunnellati	631
2	tunnellati	765
2a	tunnellati	173
3	tunnellati	84
5	1 000 biċċa	356
6	1 000 biċċa	191
7	1 000 biċċa	104
8	1 000 biċċa	297
9	tunnellati	78
15	1 000 biċċa	148
16	1 000 biċċa	75
67	Tunnellati	65

(¹) Kif definit mir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999."

2. L-Anness IV qiegħed jinbidel b'li ġej:

"ANNESS IV

**Limiti kwantitattivi Komunitarji annwali msemmija fl-Artikolu 3(1)**

**Il-Korea ta' Fuq**

Kategorija	Unità	Kwantità
1	tunnellati	128
2	tunnellati	153
3	tunnellati	117
4	1 000 biċċa	289
5	1 000 biċċa	189
6	1 000 biċċa	218
7	1 000 biċċa	101
8	1 000 biċċa	302
9	tunnellati	71
12	1 000 par	1 308
13	1 000 biċċa	1 509

Kategorija	Unità	Kwantità
14	1 000 biċċa	154
15	1 000 biċċa	175
16	1 000 biċċa	88
17	1 000 biċċa	61
18	tunnellati	61
19	1 000 biċċa	411
20	tunnellati	142
21	1 000 biċċa	3 416
24	1 000 biċċa	263
26	1 000 biċċa	176
27	1 000 biċċa	289
28	1 000 biċċa	286
29	1 000 biċċa	120
31	1 000 biċċa	293
36	tunnellati	96
37	tunnellati	394
39	tunnellati	51
59	tunnellati	466
61	tunnellati	40
68	tunnellati	120
69	1 000 biċċa	184
70	1 000 biċċa	270
73	1 000 biċċa	149
74	1 000 biċċa	133
75	1 000 biċċa	39
76	tunnellati	120
77	tunnellati	14
78	tunnellati	184
83	tunnellati	54
87	tunnellati	8
109	tunnellati	11
117	tunnellati	52
118	tunnellati	23
142	tunnellati	10
151A	tunnellati	10
151B	tunnellati	10
161	tunnellati	152"

3. L-Anness VI qiegħed jinbidel b'li ġej:

"ANNESS VI

**TRAFFIKU TA' PPROċESSAR 'IL BARRA**

**Limiti Komunitarji annwali msemmija fl-Artikolu 4(2)**

**Ir-Repubblika tal-Montenegro, il-Kosovo (¹)**

Kategorija	Unità	Kwantità
5	1 000 biċċa	403
6	1 000 biċċa	1 196
7	1 000 biċċa	588
8	1 000 biċċa	1 325
15	1 000 biċċa	691
16	1 000 biċċa	369

(¹) Kif definit mir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999."